



L-innovazzjoni soċjali fil-konsenja tas-servizz: L-imsieħba u l-approċċi ġodda

Is-sommarju eżekuttiv

L-introduzzjoni

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet ta' proġett ta' riċerka li jesplora l-involviment ta' msieħba ġodda – b'mod partikolari, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli – fl-innovazzjoni soċjali. Għall-iskopijiet tar-riċerka, l-'innovazzjoni soċjali' hi definita bħala ideat ġodda (prodotti, servizzi u mudelli) li fl-istess waqt jirrisolvu l-isfidi tas-soċjetà, jilħqu l-ħtiġijiet soċjali u joħolqu relazzjonijiet soċjali ġodda fost il-gruppi kkonċernati. L-innovazzjoni soċjali tista' tinvolvi aspetti bħal pereżempju l-parteċipazzjoni ġdida fit-teħid tad-deċiżjonijiet, servizzi li jaffettwaw is-sitwazzjoni soċjali ta' gruppi destinatari speċifiċi (provdu kummerċjalment jew le) u bidliet fis-sistemi tal-kura soċjali. Din hi parti mill-iżvilupp kulturali u l-bidla fis-soċjetà.

Ir-riċerka saret fuq livell tal-UE – tiffoka b'mod speċjali fuq ir-rwol tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fl-innovazzjoni soċjali – u f'sitt Stati Membri: l-Awstrija, il-Bulgarija, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja u l-Lżvezja. Din eżaminat l-innovazzjoni u l-kultura tas-sħubija soċjali f'kull pajjiż u analizzat sa liema punt il-politiki fuq livell nazzjonali ġew xprunati mill-politika tal-UE. Ir-riċerka tinkludi wkoll tliet studji ta' każijiet li saru fl-Irlanda, fis-Slovenja u fl-Lżvezja, u ppreżentat inizjattivi li l-imsieħba soċjali, jew dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kienu involuti fihom fid-disinn u fl-implimentazzjoni.

L-għan ta' dan l-istudju hu li jinforma, b'approċċ ibbażat fuq l-evidenza, id-dibattitu ta' politika dwar l-innovazzjoni soċjali, u jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-proċessi effettivi u sostenibbli. L-istudju jimmira wkoll li jesplora kif l-innovazzjoni soċjali tista' tkun appoġġjata bl-aktar mod effettiv f'fażijiet differenti: mill-bidu tal-programm, permezz ta' konsenja konsistenti ta' servizzi ta' kwalità tajba, sal-identifikazzjoni tal-prattika tajba.

Il-kuntest ta' politika

L-isfidi soċjali u ekonomiċi tas-seklu 21 jeħtieġu approċċ ġdid għall-analiżi u l-implimentazzjoni tal-innovazzjoni b'mod ġenerali, u tal-innovazzjoni soċjali b'mod speċifiku. L-innovazzjoni soċjali qed tidher aktar bħala mod ta' kumpens għall-ineffettività tal-istat u l-ekonomija biex mhux biss jindirizzaw il-privazzjoni, iżda sfidi akbar bħal pereżempju soċjetajiet li qed jixjieħu u tibdil fil-klima. Madankollu, mhux kull mod ġdid ta' kif jiġu trattati l-isfidi soċjali hu innovazzjoni soċjali: bħalma l-invenzjonijiet tekniċi huma kkunsidrati bħala innovazzjoni biss meta jkunu kummerċjabbli, l-innovazzjoni soċjali trid tipprovdi benefiċċju soċjali għall-utenti tagħha.

Fil-preżent, l-innovazzjoni soċjali hi fil-qalb tal-aġenda politika tal-UE. L-istrateġija tat-tkabbir Ewropa 2020 tagħmel referenzi espliċiti għall-innovazzjoni soċjali. Tnejn mill-aktar inizjattivi importanti huma 'l-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali' u 'L-Unjoni tal-Innovazzjoni'.

L-innovazzjoni soċjali qed tidher iktar bħala għodda biex tgħin biex jinkisbu l-oġettivi ewlenin stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Pakkett ta' Investiment Soċjali, 'Lejn investiment soċjali għat-tkabbir u l-koeżjoni'.

Is-sejbiet ewlenin tal-programmi fuq livell nazzjonali

L-ingaġġ ta' msieħba soċjali u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fid-disinn u l-applikazzjoni tal-innovazzjoni soċjali tvarja fis-sitt pajjiżi studjati, kif ukoll ivarja l-fehim tal-kunċett. L-oqsma ewlenin ta' interess tal-analiżi kienu l-programmi u l-inizjattivi fit-trijangolu politiku ta' 'xogħol-edukazzjoni-politika soċjali'.

Il-maġġoranza tal-programmi u inizjattivi soċjalment innovattivi huma mħallsa mill-FSE. Dan jista' jkun għaliex dawn il-programmi jidħlu fi struttura komuni u huma mmonitorjati kontinwament. Proġetti soċjalment innovattivi jeżistu barra l-iskop tal-FSE, iżda dawn normalment ma jiġux immarkati bħala 'innovazzjoni soċjali'.

L-imsieħba soċjali – bi ftit eċċezzjonijiet – mhumiex familjari mal-kunċett ta' innovazzjoni soċjali. Madankollu, fuq bażi individwali, xi wħud huma involuti fl-issettjar u fil-promozzjoni ta' innovazzjonijiet soċjali li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-gruppi emarġinati, pereżempju nies barra s-suq tax-xogħol.

Ħafna drabi l-NGOs jaġhmlu l-innovazzjonijiet soċjali, għalkemm l-ingaġġ tagħhom fid-disinn ta' programmi hu prinċipalment informali, bis-soċjetà ċivili jew is-settur tal-volontarjat ma jkollhom l-ebda involviment formali fil-FSE fuq livell tal-UE.

Dawk li jaħdmu fis-settur tal-volontarjat ġeneralment jassoċjaw l-idea tal-innovazzjoni soċjali mal-FSE, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħidma ma' gruppi vulnerabbli. Dawk li jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem prinċipalment jabbinawha mal-kunċett 'tal-impreditorjat soċjali'.

Is-sejbiet tal-istudju tal-każijiet u l-indikaturi tal-politika

Ir-relevanza tad-definizzjoni – L-imsieħba tal-istudju tal-każijiet ma ffukawx fuq id-definizzjoni tal-innovazzjoni soċjali. L-innovazzjoni soċjali bħala tali ma kinitx l-ixprun jew il-punt tal-bidu biex tiġi stabbilita l-inizjattiva. Dan hu konformi mas-sejbiet tal-analiżi li saret fis-sitt pajjiżi, li implikat li inizjattivi b'referenza diretta għall-innovazzjoni soċjali jistgħu jinstabu l-iktar fi ħdan il-qafas tal-FSE. Minħabba d-definizzjoni wiesgħa tat-terminu, ħafna proġetti differenti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala innovazzjoni soċjali.

Ir-risposti għall-isfidi/kwistjonijiet – Il-linja komuni għall-proġetti individwali hi li qed jirrispondu għal sfidi lokali aktar milli jidħlu fi skema ikbar. Dan jimplika li jista' jinħoloq ambjent li jiffaċilita aktar minn dawn l-inizjattivi minn isfel għal fuq, li jindirizzaw kwistjonijiet li għadhom ma waslux għand dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-ogħla livell.

Id-dipendenza fuq individwi – L-impenn u l-entużjażmu tal-persuni involuti fit-twaqqif u t-tmexxija tal-programmi nstab li hu fattur kruċjali. Madankollu, din id-dipendenza fuq individwi partikolari tista' ddgħajef is-sostenibilità tal-proġett jekk jinbidel il-maniġment. Rabtiet b'saħħithom ma' partijiet interessati u strutturi oħra jistgħu jaġhtu lil dawn l-individwi s-sostenn li jeħtieġu u jgħinu biex tiġi stabbilita bażi iktar b'saħħitha u ħajja itwal għal dawn il-proġetti.

Is-sostenibilità – Li tkun parti minn qafas ikbar, iktar strutturat jista' jgħin lill-proġetti individwali jkunu sostenibbli fit-tul; madankollu, għandu jinżamm bilanċ biex jippermetti l-flessibilità assoċjata ma' attivitajiet fuq skala żgħira.

L-ingaġġ ta' partijiet interessati – Minħabba l-involviment tal-gruppi differenti, għandu jkun hemm fehim aħjar tal-bżonnijiet tal-benefiċjarji. Din il-kooperazzjoni tgħin ukoll l-aspettattivi taż-żewġ naħat biex isiru iktar realistiċi.

L-evalwazzjoni aħjar – Waqt li l-proġetti qed jintalbu iktar jinkludu sett ta' miri, jidher li hemm nuqqas ta' fokus fuq l-evalwazzjoni sewwa ta' dan fi programmi fuq skala kbira. Hemm bżonn isir aktar biex tiġi assigurata l-evalwazzjoni sistematika ta' dawn l-inizjattivi.

Il-finanzjament imtejjeb – Ħafna mill-programmi joperaw fuq bażi ta' proġett jew ta' darba waqt li fl-istess ħin jippruvaw jassiguraw impatt fit-tul. Il-provvista ta' finanzjament għandha ssegwi rotta iktar prevedibbli u sostenibbli. Barra dan, għandhom jiġu esplorati modi ġodda ta' kif jiġi assigurat finanzjament privat.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport *L-innovazzjoni soċjali fil-konsenja ta' servizz: L-imsieħba u l-approċċi ġodda* hu disponibbli f' <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/mt1354.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Anna Ludwinek, il-Maniġer tar-Riċerka, alu@eurofound.europa.eu